MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Numru. 745/2003

**Il-Pulizija
Spettur Joseph Agius
Spettur Sharon Tanti**

**vs
Omissis G**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat omissis G, iben omissis, imwieled omissis fis-omissis u residenti omissis u detentur tal-karta tal-identita’ numru omissis gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-2 ta’ Settembru 2003 ghal habta tas-2.00pm u fil-jiem ta’ qabel, gewwa Marsaxlokk, bil-vjolenza f’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, li jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah

reat kontinwat, ikkommetta stupri fuq il-persuna ta’ bintu naturali Omissis R bi ksur tal-art 198 u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess jiem, hin u cirkostanzi, bla ebda ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti, arresta, zamm jew issekwestra lil Omissis R meta d-delitt sar bhala mezz biex din giet imgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta’ dik il-persuna u ghamel offiza fuq il-persuna taghha jew gheddida bil-mewt, bi ksur tal-Art 87(g) (c) u Art 88 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Huwa ricediv b’diversi sentenzi definittivi tal-Qorti Kriminali u superjuri.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 18 ta’ Frar 2008 (esebita a fol. 246 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 198, 86, 87(1)(c)(g), 88, 49, 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta’ Frar 2008, l-imputat ddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-3 ta’ Settembru 2003 il-Pulizija rcevew rapport mill-Isptar San Luqa li kien hemm certu Omissis R, tfajla ta’ 24 sena, rikoverata l-Isptar fejn din kienet qed tallega li ghal dik l-ahhar gimgha hija kienet qed tigi mizmuma kontra l-volonta’ taghha minn missierha biologiku, l-imputat fil-kawza odjerna, u li tul dan iz-zmien huwa kellu rapporti sesswali maghha kontra l-volonta’ taghha. Meta

Omissis R giet mitkellma mill-Pulizija [1] hija rrakkontat li kienet trabbiet minn ommha u mir-ragel ta' din tal-ahhar, Omissis L li fuq ic-certifikat tat-twelid kien jidher bhala missierha, izda meta kellha madwar tlettax jew erbatax il-sena ommha kienet indikatilha li missierha naturali kien l-imputat u hija kienet ghalhekk marret tfittxu izda mbaghad inqata' l-kuntatt mieghu ghal xi zmien meta dahal il-Habs. Omissis R rrakkontat lil Pulizija li dan l-ahhar kien qed ikollha hafna problemi mal-imputat ghaliex huwa kien qed imur ifittixha u jipprova jgieghlha tmur tghix mieghu. Hija rrakkontat li t-Tnejn ta' wara l-festa ta' Santa Liena f'B'Kara, f'Settembru 2003, kienet ghand in-nannu matern taghha u ghall-habta tal-10.00pm mar l-imputat ihabbat il-bieb u talabha tmur mieghu, hija bdiet tghidlu li ma tridx tmur izda huwa beda' jghajjat maghha u bdiet tibza ghaliex beda' jghidilha li ser jidhol ghaliha u n-nannu taghha li kien marid meta ra hekk beda' jghidilha sabiex tmur ghaliex huwa ma setghax jiddefendiha. Omissis R qalet ukoll li l-imputat qabadha minn idejha u dahhalha fil-karozza tieghu fejn hija marret kontra l-volonta' taghha u fejn huwa beda; jsawwatha u jaghtiha fuq rasha u wrieha sikkina u qalilha li jekk kienet ser tipprova tahrab kien ser joqtolha. Omissis R spjegat li meta waslu fil-garaxx fejn kien jghix l-imputat f'Marsaxlokk dan rabtilha saqajha ma xulxin bi xlief ohxon sabiex ma tahrabx u kull darba li kien johrog kien isakkar il-bieb b'katnazz sabiex ma tohrogx u huwa hadilha wkoll il-mobile phone. Omissis R qalet ukoll li l-ewwel lejl hi raqdet fil-garaxx tal-imputat huwa taha daqqa fuq imnehirha u faragha u raqdu fl-istess sodda ghaliex sodda wahda biss kien hemm izda ma gara xejn aktar. Hija izda sostniet li l-ghada huwa kellu x'jaqsam maghha sesswalment, qalilha sabiex tinza l-hwejjeg u li huwa kien ihobbha bhal bintu u bhala mara u mbaghad kellu x'jaqsam maghha. Hija qalet ukoll li matul il-gimgha li damet hemm kellu x'jaqsam maghha madwar erba' darbiet u ghalkemm kienet tipprova twaqfu dan kien impossibbli minhabba d-daqs tieghu. Hija qalet li wara ftit jiem irnexxilha tahrab u marret ghand xi nies jigu minnha l-Belt ghall-ghajnuna.

---

[1] Ara xhieda tal-SIpettur Sahron Tanti a fol.  15 sa 20 tala-tti processwali).

Omissis R xehdet f'dawn il-proceduri f'aktar minn okkazzjoni wahda. Meta xehdet waqt l-udjenza tas-7 ta Novembru 2003 fejn wara li spjegat ic-cirkostanzi difficli tat-trobbija taghha u kif saret taf bl-ezistenza ta' missierha naturali u wara li rrakkontat l-isperanza taghha li dan seta' jofrilha l-imhabba li kienet nieqsa f'hajjitha, qalet li f'Settembru 2003 kienet ghand in-nannu taghha u l-imputat mar ghaliha u gieghlha tmur mieghu bis-swat u anki billi heddidha b'sikkina. Hija qalet li l-imputat kien gieghlha jkollha rapporti sesswali mieghu u spjegat li hija kienet thallih ghaliex meta kienet tghidlu li ma tridx kien isawwatha. Hija qalet li wara gimgha rnexxilha tahrab u marret taghmel rapport ghand il-Pulizija. Meta giet murija l-body lotion li huwa mmarkat bhala Dok. JA1 hija qalet li dan kienet tuzah wara li tinhasel u l-ewwel qalet li kienet titlob lil missierha sabiex jidlikilha saqajha ghaliex ma kinitx tlahhaq izda mbaghad qalet li kienet titolbu jaghmel hekk ghaliex kienu jugawha saqajha. Hija giet imwaqqfa mill-Qorti milli tkompli tixhed ghaliex il-Magistrat li kienet qed tipresjedi l-Qorti dak iz-zmien dehrilha li Omissis R kienet qed thawwad fix-xhieda taghha u gie ghalhekk nominat Dr. Peter Muscat sabiex jezaminaha u jiddetermina jekk hija kellhiex il-fakultajiet mentali sufficjenti sabiex tixhed u tghid il-verita' fil-Qorti. Dan l-espert prezenta r-rapport tieghu fejn ikkonkluda li ***'Although Omissis R is of lowered intelligence, she is capable of telling the truth and testifying in Court if handled with sensitivity and consideration due to her limitations.'***

Fl-udjenza tal-1 ta' April 2005 dehret Omissis R assistita mill-avukat difensur taghha fejn ghazlet li tirtira l-kwerela minnha maghmula fil-konfronti tal-imputat. Fis-26 ta' Ottubru 2007 Omissis R prezentat dikjarazzjoni ffirmata fejn iritrat il-kwerela magmula fil-konfronti tal-imputat u rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tieghu sa fejn din kienet rinunzjabbli. Fl-udjenza tad-29 ta' Frar 2008 regghat dehret Omissis R fejn regghat irribadiet li xtaqet tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat. Hija regghat xehdet fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2009 fejn regghat irribadiet ghal darba ohra li kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li gara.

Omissis R regghat xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2006 fejn hija regghat xehdet b'mod pjuttost konfuz izda fejn xorta wahda qalet li l-imputat kien mar ghaliha d-dar tan-nannu taghha f'Birkirkara u geghlha tmur mieghu Marsaxlokk bis-swat. Hija qalet ukoll li huwa kien geghlha jkollha x'taqsam mieghu sesswalment u ghalkemm hija kienet tghidlu 'hallini hallini' huwa xorta wahda kompla b'dak li kien qed jaghmel. Din id-darba qalet li hija rnexxilha tahrab mid-dar tal-imputat l-ghada li kien hadha hemm u spjegat li l-imputat ma hallihiex titlaq. Hija izda qalet ghal aktar minn darba li kellha x'taqsam mal-imputat ghaliex bezghat minnu. Omissis R spjegat li kienet ghamlet sentejn rikoverata Monte Carmeli u kienet qed tiehu xi pilloli li t-tobba kienu jghidulha li kenu ser jghinuha tinsa dak li gralha. Hija spjegat li prezentement kienet qed tghix f'komunita' f'B'Kara.

Fl-4 ta' Settembru 2003 l-imputat irrilaxxja stqarrija [2] fejn ammetta li Omissis R kienet bintu izda qal li peress li ma trabbitx mieghu huwa ma kienx ihoss xejn lejha bhala bintu izda kien iqisha bhala barranija. Huwa qal li fit-3 ta' Settembru 2003 kien ha tazza nbid u Omissis R li kellha habta toqghod iddur fil-garaxx fejn kienu qed joqghodu liebsa biss l-underwear talbitu jidlikilha darha u saqajha bil-cream u meta huwa ghamel hekk thawwad u kellu x'jaqsam maghha, cioe' kellu rapport sesswali maghha. Huwa qal li l-fatt li hi kienet toqghod iddur bl-underwear kienet forma ta' provokazzjoni li waslet ghal dan l-incident. Huwa cahad li kellu x'jaqsam ma Degabriele aktar minn darba u qal li f'dik id-darba li kellu x'jaqsam maghha ma kien hemm ebda rezistenza da parti taghha. Huwa cahad ukoll li kien issekwestra lil Omissis R anzi jghid li kien taha c-cavetta tal-garaxx u hija kienet tidhol u tohrog x'hin trid. Meta xehed quddiem din il-Qorti waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar 2010 huwa kkonferma dak li kien qal fl-istqarrija u rribadixxa li veru li ghamel l-att sesswali ma bintu izda cahad li huwa kien zammha kontra l-volonta' taghha u qal

[2] InseOmissis Ra fol. 42 u 43 tal-atti processwali

li hija kienet provokatu bl-ilbies u bl-agir taghha meta talbitu jidlikilha l-cream ma gisimha.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehed ukoll Dr. Khalid El Nahal [3] li kien il-ginekologu li ezamina lil Omissis R immedjatament malli hija dahlet l-Isptar wara li ghamlet ir-rapport. Dan ix-xhud spjega li meta ezamina lil Omissis R din allegat li kienet giet abbuzata fizikament kif ukoll sesswalment minn missierha Omissis G u qalet ukoll li dan l-abbuz kien ilu jsehh sebat ijiem. Dan ix-xhud qal li sab tbengil fuq idejha u kuxtejha tal-lemin izda qal ukoll li minn ezami ginekolgiku tal-vagina ma kienx jidher li kien hemm tbengil jew ticrit recenti fil-hymen izda nstabet ftit tisfija. Huwa qal li kien ghadda l-iswabs li eleva lill-espert forensiku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti.

L-espert mediku mahtur fl-Inkjesta Magisterjali Dr. Mario Scerri [4] fir-rapport [5] tieghu ikkonkluda s-segwenti:-

*'1. Illi d-dbengila deskritta fuq id-driegh tal-lemin ma kinetx friska u kienet ilha madwar tlett ijiem li saret;*
*2. Illi d-dbengil deskritt fuq l-aspett posterolaterali tar-rigel tal-lemin ma kienx frisk u kien ilu madwar ghaxart ijiem li sar;*
*3. Illi dan id-dbengil huwa kompatibbli ma' blunt trauma;*
*4. Illi ma kienx hemm lezjonijiet friski li jindikaw penetrazzjoni sfurzata fuq il-partijiet genitali ta'* ***Omissis R****.'*

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota tieghu tat-18 ta' Frar 2008 l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18, 198, 86, 87(1)(c)(g), 88, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u cioe' ir-reati ta' stupru vjolenti u arrest illegali. Kif diga' intqal aktar 'il fuq fil-korp ta' din is-sentenza l-allegata vittma Omissis R

---

[3] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nseOmissis Ra fol. 60 u 61 tal-atti processwali.
[4] Li xehed fdawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Gunju 2007.
[5] Inserit a fol. 22 et sequitur tal-proces verbal inserit a fol. 136 tala-tti processwali.

f’aktar minn okkazzjoni wahda iddikjarat li hija kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li gara u kienet qed tirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tieghu. Il-Qorti trid ghalhekk l-ewwel u qabel kollox tiddeciedi jekk din ir-rinunzja tincidix fuq il-prosegwiment tal-kaz. Dan jinghad ghaliex ghalkemm huwa minnu li l-Artikolu 544(a) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li r-reat ta’ stupru kontemplat fl-Artikolu 198 tal-Kodici Kriminali ma jistghax jitmexxa jekk ma jkunx hemm talba tal-parti privata, u cioe’ ma jistghax jitmexxa ex ufficio mill-Pulizija, ir-reat ta’ arrest illegali li bih l-imputat jinsab ukoll akkuzat huwa reat li jolqot l-ordni pubblika u li ghalhekk jitmexxa ex ufficio u indipendentement mill-azzjoni privata. Dan il-punt gie ikkunsidrat b’mod approfondit mill-**Qorti tal-Appell Kriminali** f’sentenza tas-**27 ta’ April 2006** fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Stephen Bonsfield’** u din il-Qorti sejra ghalhekk taghmel ampja referenza ghal dak li qalet dik il-Qorti fir-rigward u cioe’ s-segwenti :-

‘Illi hu minnu li dwar ir-reat ta’ stupru kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali w dak ta’ attentat vjolent ghall-pudur kontemplat fl-artikolu 207, ma jistghux isiru proceduri kriminali hlief fuq talba tal-parti privata skond l-artikolu 544 (a) u (c) tal-istess Kodici, pero’ l-proviso tal-istess artikolu 544 jghid li meta xi wiehed mid-delitti fih imsemmija jsir bi vjolenza pubblika, jew flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa ndipendentement mill-azzjoni tal-parti privata.

Issa, apparti l-akkuza ta’ stupru vjolent, attentat vjolent ghall-pudur u dik ta’ feriti ta’ natura hafifa, li jridu jitmexxew bil-kwerela tal-parti leza w li ghalhekk huma rinunzjabbli, l-appellant gie akkuzat ukoll b’ arrest illegali tal-istess martu skond l-artikoli 86, 87 u 88 tal-Kodici Kriminali li indubbjament huwa reat ta’ ordni pubbliku w li mhuwiex rinunzjabbli (ara.Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. George Zarb”** [17.2.1997] fejn gie ritenut li :-

*“ fil-kaz ta’ arrest illegali, si tratta ta’ reat li jolqot jew jinteressa l-ordni pubbliku.”*

Din il-Qorti diversament preseduta irriteniet li *"r-reat ta' istanza privata huwa "akkompanjat" minn iehor ta' azzjoni pubblika meta jew iz-zewg reati jkunu konkorrenti , billi wiehed ikun serva ta' mezz ghall-iehor jew il-fatt kriminuz ikun jivvjola "unico contextu" zewg dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali , b'mod li jitnisslu minnu zewg titoli ta' reati"* (ara. **"Il-Pulizija vs. Karmenu Omissis R**"[21.4.1945] (Kollez. XXXII. iv. p.895, per Harding J,)

*Fid-dawl ta' dan huwa ovvju li r-reat ta' arrest illegali zgur li mhux rinunzjabbli w r-reat ta' stupru vjolent, u attentat vjolent ghall-tal-pudur li taghhom wkoll nstab hati l-appellant kienu akkompanjati minn reat li jolqot l-ordni pubbliku w cioe' r-reat kontemplat fl-artikoli 86, 87 88 tal-Kodici Kriminali li ukoll gie akkuzat bih u li tieghu ukoll instab hati mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk l-azzjoni kriminali ma kienetx tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offiza w setghet tingieb il-quddiem mill-Pulizija* "ex officio". *Ergo kull irtirar tal-kwerela fi kwalsiasi stadju tal-proceduri mill-allegata vittma ma setax iwaqqaf l-andament tal-kawza kontra l-appellant u lanqas jista' jwaqqfu f'dan l-istadju. L-irtirar tal-kwerela ghal massimu seta' jittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-piena imma mhux b'mod li josta b'xi mod ghat-tkomplija tal-proceduri. (ara App.Krim. : "**Il-Pulizija vs. Godfrey Demanuele"** [5.6.2003])'*

Illi fil-kaz odjern ir-reat ta' stupru vjolenti huwa akkompanjat mir-reat ta' arrest illegali u ghalhekk anki f'dan il-kaz l-azzjoni kriminali ma tiddependix fuq il-kwerela tal-parti offiza u setghat ghalhekk tingieb mill-Pulizija ex ufficio. L-irtirar tal-kwerela da parti ta' Omissis R wkoll ma tistghax twaqqaf l-andament tal-kawza fil-konfronti tal-imputat.

Illi f'dan il-kaz inoltre il-qorti jidrilha li ghandu jigi applikat l-Artikolu 543(c) tal-Kodici Kriminali stante li mir-rapport tal-espert psikjatra Dr. Peter Muscat li saret referenza ghalih aktar 'il fuq irrizulta li Omissis R ghandha intelligenza limitata u ghalkemm hija tista' tixhed il-Qorti u kapaci tghid il-verita' ghandha certu limitazzjonijiet u ghalhekk trid tigi trattata b'certu konsiderazzjoni u attenzjoni. F'dan l-istadju l-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-**<u>Qorti</u>**

**<u>tal-Appell Kriminali</u>** (sede inferjuri) f'sentenza tat-**<u>12 ta' Settembru 2005</u>** fil-kawza fl-ismijiet 'Puliziija vs John Buttigieg' fejn f'kaz ta' tfajla b'limitazzjonijiet mentali simili hafna ghal dawk ta' Omissis R fil-kaz odjern il-Qorti stabbiliet is-segwenti :-

'L-Artikolu 543 ta' l-imsemmi Kodici jindika liema huma dawk il-kazijiet fejn il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi minghajr il-kwerela privata. Fost dawn il-kazijiet jissemma' fil-paragrafu (c), il-kaz *"…ta' reat maghmul kontra persuna li, minhabba xi <u>difett tal-gisem jew tal-mohh</u>, ma tkunx tista' tmexxi l-azzjoni kriminali, ukoll jekk ir-reat ikun wiehed li ghalih, kieku kien maghmul kontra persuna ohra, kienet tkun mehtiega l-kwerela privata"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fl-udjenza tal-lum, stiednet lill-partijiet sabiex jaghmlu sottomissjonijiet proprju dwar dan il-paragrafu (c).

Fil-fehma kunsidrata tal-Qorti, din id-disposizzjoni – rarament invokata fil-prattika – hija intiza sabiex tipprotegi lil min, minhabba problemi fizici jew mentali, ma jkunx ragjonevolment mistenni li jisporgi kwerela. L-espressjoni "ma tkunx tista' tmexxi", fil-kuntest tad-disposizzjoni in ezami, ma timplikax ostakolu assolut, izda wiehed relattiv ghad-"difett tal-gisem jew tal-mohh" li jkun. F'dawn ic-cirkostanzi jissubentra l-Istat bil-proceduri *ex officio*, u dan proprju biex jittutela l-interess tal-persuna in kwistjoni. Meta jkun hekk il-kaz, l-azzjoni ma tkunx allura tirrikjedi l-kwerela jew talba tal-parti privata u, per konsegwenza, anqas ma jista' jkun hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni minhabba r-recess ossia rinunzja tal-kwerela.'

Illi fil-kaz odjern kif diga' ntqal aktar 'il fuq ukoll gie stabbilit li Omissis R kellha ntelligenza baxxa u behavioural problems u ghalhekk il-Qorti jidrilha li anki fil-kaz taghha ghandu jigi applikat l-Artikolu 543(c) tal-Kodici Kriminali u kwindi ghandu jitqies li r-rinunzja taghha f'dawn il-proceduri ma jistghax ikollha l-effett li testingwi l-azzjoni izda semmai ghandha jkollha effett fuq il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit dan il-punt il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tikkunsidra jekk ghandhiex temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Omissis R jew dik moghtija mill-imputat. Id-Difiza tissottometti li x-xhieda ta' Degabriele m'hijiex attendibbli u kredibbli minhabba l-mod konfuz li bih xehdet u ssostni li l-att sesswali bejn Omissis R u l-imputat sehh darba biss u bil-kunsens tal-istess Omissis R lli provokat lill-imputat bl-attegjament u bl-ilbies taghha. L-imputat inoltre jichad li huwa b'xi mod issekwestra lil Omissis R jew zammha kontra l-volonta' taghha. Din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda moghtija minn Omissis R f'dawn il-proceduri kif ukoll il-verzjoni tal-fatti minnha moghtija lill-Ispettur Sharon Tanti fil-kors tal-investigazzjonijiet, ix-xhieda minnha moghtija bil-gurament quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, Dr. Mark Busuttil [6], kif ukoll dak li qalet Omissis R lill-espert psikjatra Dr. Peter Muscat skond kif jirrizulta mir-rapport ta' dan tal-ahhar, u jidrilha li ghalkemm hija dejjem rrakkontat dak li gara b'mod pjuttost konfuz, hija dejjem kienet konsistenti dwar dak li effettivament gara u cioe' li missierha geghlha tmur mieghu bil-vjolenza meta hija kienet id-dar tan-nannu taghha, li huwa heddidha b'sikkina, li huwa kellu x'jaqsam maghha f'aktar minn okkazzjoni wahda tul il-gimgha li hija ghamlet mizmuma fil-garaxx tieghu, li dan sar kontra l-volonta' taghha ghaliex hija kellha x'taqsam mieghu biss ghaliex altrimenti kien isawwatha u ghaliex kienet tibza minnu u li hija kienet tghidlu 'hallini hallini' u li hija dehrilha li huwa bhala missierha ma kellux jaghmlilha dawn l-affarijiet. Il-mod konfuz dwar kif Omissis R irrakontat l-affarijiet li grawlha huwa certament attribwibbli ghall-livell limitat ta ntelligenza taghha u bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala ndikazzjoni li hija mhux qed tghid il-verita'. Dr. Peter Muscat fil-fatt enfasizza li hija kapaci tghid il-verita' u tixhed il-Qorti izda li minhabba l-limitazzjonijiet taghha hija ghandha tigi trattata b'certu konsiderazzjoni u attenzjoni. L-Ispettur Sharon Tanti li kienet l-ewwel persuna li hadet il-verzjoni tal-fatti ta' Omissis R fil-fatt specifikat li ghalkemm Omissis R ma rrakkontatx il-fatti b'mod kronologiku u cioe' haga wara l-ohra kif graw xorta wahda kienet f'posizzjoni li tirrakkonta dak kollu li kien gara. Din

[6] Rapport relattive inserit a fol. 138 et sequitur tal-atti processwali.

il-problema li tirrakkonta l-affarijiet b'mod kronologiku setghat ukoll tigi konstata meta Omissis R xehdet waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru 2003. L-unika drabi fejn Omissis R ma kinitx ghal kollox konsistenti ma dak li qalet precedentement kien meta xehdet fl-1 ta' Dicembru 2006 u fl-24 ta' Settembru 2009 izda meta wiehed jikkunsidra li f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet kienu ghaddew diversi snin mill-akkadut u li fil-frattemp l-istess Omissis R ghamlet sentejn rikoverata l-Isptar Monte Carmeli fejn inghatat kura medika u pilloli sabiex tinsa dak li kien gralha, u meta wiehed jikkunsidra l-limitazzjonijiet intelletwali tal-istess Omissis R, l-Qorti jidrilha li xorta wahda ghandha temmen dak li din qalet precedentement, u cioe' immedjatament meta ghamlet ir-rapport u meta xehdet quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali u l-ewwel darba quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti inoltre tirrileva li ghalkemm mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri ma jirrizultax li kien hemm xi lezjonijiet fil-hymen jew sinjali ta' forced penetration, l-istess espert mediku ikkonstata li Omissis R kellha tbengil f'gisimha li kien jidher li sar fil-jiem ta' qabel ma huwa ezaminaha. Dawn is-sinjali ta' tbengil jikkorroboraw il-verzjoni ta' Omissis R li l-imputat kien sawwatha. Dwar in-nuqqas ta' lezjonijiet fil-hymen u n-nuqqas ta' sinjali ta' penetrazzjoni furzata l-Qorti jidrilha li tali nuqqas ma jfissirx li l-imputat ma stuprax lil Omissis R ghaliex fuq kollox hija sostniet li hallietu jkollu x'jaqsam maghha ghaliex kienet tibza li ser isawwatha izda dejjem qalet li dan sar kontra l-volonta' taghha u li hija kienet qaltlu sabiex ihalliha u ghalhekk dejjem esprimiet in-nuqqas ta' kunsens taghha.

Illi l-Qorti jidrilha li kemm l-istupru kif ukoll l-arrest illegali jirrizultaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mix-xhieda ta' Omissis R u ghalhekk l-imputat sejjer jinstab hati ta' dawn iz-zewg reati.

Ikkunsidrat:

Illi l-Avukat Generali indika li tista' wkoll tinstab htija ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

izda l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova dwar l-addebitu tar-recidiva u ghalhekk l-imputat mhux ser jinstab hati li huwa recidiv.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat in-natura gravi tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati kif ukoll il-konsegwenzi li tali reati kellhom fuq il-vittma fejn jidher li l-kundizzjoni mentali taghha ideterjorat konsiderevolment minhabba dak li ghaddiet minnu u l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva aktar vicin il-massimu milli l-minimu. L-Qorti mhux ser tapplika l-massimu tal-piena biss minhabba l-fatt li l-vittma, anki jekk wara li ghaddew diversi snin mill-akkadut, ghazlet li tahfer lill-imputat ghal dak li gara.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-18 ta’ Frar 2008 u senjatament l-Artikoli 18, 198, 86, 87(1)(c)(g) u  88 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, salv ghall-addebitu tar-recdiva li ma rrizultax pruvat kif inghad aktar ‘il fuq, u tikkundannah tmien (8) snin prigunerija.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ disa’ mija u erbgha u sittin ewro u erbgha u ghoxrin ewro centezmi (€964.24) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ l-esperti f’ dan il-kaz.

**<u>Sabiex tiprotegi l-identita’ tal-vittma l-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni ta’ isem l-imputat, isem il-vittma u isem il-familjari tal-istess vittma.</u>**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------